MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Numru. 773/2011

**ILLUM 20 TA' GUNJU 2013**

**SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA**
**VS**
**ALEXANDER CAMILLERI**

**Il-Qorti;**
Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Alexander Camilleri ta' 41 sena, bin Carmel u Mary nee' Veneziani, mwieled Pieta' fil- 25 ta' April 1972, residenti 33, Triq Santa Katerina, Gudja u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 200072M;

Talli nhar it- 28 ta' Gunju 2011 ghal habta tas- 18.00hrs gewwa Ta' Qali, limiti ta' H' Attard u f' inhawi ohra f' dawn il- Gzejjer Maltin;

1) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku (suldat) naqas li jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l- kariga

tieghu kellu d- dmir li jimpedixxi, minghajr il- hsieb li joqtol jew ipoggi l- hajja f' periklu car izda biss bil- hsieb li jaghmel offiza gravi fuq il- persuna ta' haddiehor, ikkaguna offiza gravi fuq il- persuna ta' Adrian Sarcia detentur tan- numru tal- Karta tal- Identita' 203380M hekk kif certifikat minn Dr Agnes Cisleski MD (Reg. No. 5210) tal- isptar Mater Dei;

2) aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi imbotta lil Carmel Sarcia li ghandu numru tal- identita' 877951M asbiex iweggghu jew jinsulentah;

3) volontarjament kiser il- bon ordni jew il- paci pubblika b' ghajjat;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat, li huwa ufficjal pubbliku membru fl-armata, jaghmel xoghol part-time ibiegh f'gabbana tal-hot dogs. Lejliet il-festa pubblika tal-Imnarja fl-2011, hu kien armat f'Ta' Qali barra club Numero Uno, flimkien ma' nies ohra. Fil-hin waslu fuq il-post Carmel Sarcia u ibnu Adrian Sarcia, biex jarmaw il-gabbana taghhom. Sarcia kellhom permess tal-Kunsill lokali sabiex jarmaw il-gabbana, u raw li kien hemm vettura ohra armata fil-kaxxa li kellhom allokata lilhom. Huma talbu ghall-assistenza tal-Pulizija, li ftit wara gew fuq il-post. Hemmhekk, ghal xi raguni, qam argument bejn Sarcia u ibnu min-naha l-wahda, u l-imputat u certu Jason Grima min-naha l-ohra, dwar min kien ser jarma fejn. Hin minnhom gew fl-idejn, u Adrian Sarcia sofra griehi gravi. Sar rapport lill-Pulizija, u ttiehdu proceduri kontra l-imputat.

Mil-provi prodotti rrisulta li l-imputat kien qed jikkonfronta lil Carmel u Adrian Sarcia meta gara l-incident. Dan m'hu kontradett minn hadd. Di fatti, l-imputat stess jistqarr li hu kellu xi jghid maghhom fuq il-post fejn kellhom jarmaw il-gabbana taghhom, izda jinnega li qatt refa' idu fuq Adrian Sarcia u li kkawzalu griehi gravi. Il-Prosekuzzjoni ressqet tlitt xhieda okulari li lkoll ikkonfermaw li raw lill-imputat jaghti daqqa lil Adrian Sarcia. Ghalhekk il-Qorti kellha kaz *prima facie* li kien pjuttost konvincenti favur il-Prosekuzzjoni.

L-uniku dubju li kellha l-Qorti kien minhabba s-segwenti fatti. L-imputat mill-ewwel innega li kien hu li ta daqqa lil Sarcia, ghalkemm jaqbel li hu kien hemm fil-qalba tal-argument. Mhux biss, izda jindika min ta d-daqqa, certu Jason Grima. L-imputat indika diversi persuni ohra li kienu presenti f'dan l-incident, li kienu Philip Attard, Mark Cassar u iehor maghruf bhala Mark il-Petuta. Dawn il-persuni, izda, ma gewx mitkellma mill-Pulizija.

Allura l-Qorti giet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti, bhal ma jigri f'hafna kawzi kriminali, wara kollox. Il-Prosekuzzjoni pproduciet ix-xiehda ta' Carmel u Adrian Sarcia, li kkonfermaw li kien l-imputat li ta' d-daqqa. Xehdu wkoll il-Pulizija li kienu presenti fuq il-post meta sehh l-incident, li wkoll wiehed minnhom ikkonferma li ra lill-imputat jaghti d-daqqa lil Sarcia. L-iehor ma rax l-incident isehh.

Id-difiza, apparti l-imputat, tellghet ukoll lil Mark Cassar u lil Philip Attard, li kkonfermaw il-verzjoni li kien ta l-imputat fl-istqarrija tieghu, u cioe' li kien Jason Grima li kien ta d-daqqa lil Sarcia, u mhux l-imputat. Wiehed mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, certu Mark Tanti, wkoll jaqbel ma' din il-verzjoni. Ghalhekk, id-difiza kellha erba' xhieda li kkonfermaw il-verzjoni taghhom, waqt li Sarcia kellhom Ufficjal tal-Pulizija li kkonferma li kien l-imputat li ta d-daqqa, u mhux Jason Grima kif qalet id-difiza.

Dan kollu ihalli dubju wiehed f'mohh il-Qorti, u huwa dubju li qanqal bosta mistoqsijiet. X'kienet ir-raguni li l-Pulizija

ma kellmitx lil Mark Cassar, lil Mark Tanti, lil Jason Grima, u lil Philip Attard, meta kien l-imputat stess li kien indikahom kollha fl-istqarrija tieghu? Il-Prosekuzzjoni hija intitolata tipproduci l-provi kollha f'kawza, sew dawk favur it-tezi taghha u sew dawk kontra. Ghal xi raguni, dawn il-persuni kollha ma ttellghux, u hlief ghal Mark Tanti, gew prodotti bhala xhieda in difesa minbarra Jason Grima. Li kieku l-Pulizija kellmet lil dawk il-persuni kollha hekk kif ghadu kien gara l-incident, il-Qorti kien ikollha l-verzjoni ta' xhieda ohra okulari, u kienet tkun f'qaghda li tevalwa l-provi kollha mehuda fil-hin. Minn flok, kellha tisma' lil Sarcia jikkonfermaw li kien l-imputat li kkawza l-griehi, kellha tisma' lil PC 1222 jikkonferma din il-verzjoni, u mbaghad kellha verzjoni opposta ikkonfermata minn erba' xhieda, inkluz l-imputat stess, li tikkorrobora l-istqarrija tieghu.

Il-Qorti ghalhekk hija aktar propensa tikkunsidra li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha lil'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Ghalkemm Sarcia jidhru persuni tal-affari taghhom u ghalkemm ix-xiehda taghhom ghandha mis-sewwa, ma tistax toqghod ghal kollox u biss fuq dak li qalu meta hemm verzjoni kompletament opposta ghal taghhom. Carmel u Adrian Sarcia setghu facilment kellhom impressjoni li veru kien l-imputat li hareg idu ghalihom, meta fil-verita' seta' kien haddiehor. Kulhadd jaf li fis-sahna ta' argument, il-vizwali ta' incidenti tista' ma tkunx cara ghal kollox. Min-naha l-ohra, daqstant iehor setghu l-imputat u x-xhieda tieghu jiftiehmu fuq il-verzjoni li kellhom jaghtu lill-Qorti, biex isahhu l-istqarrija li kien irrilaxxja l-imputat. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tasal temmen verzjoni fuq ohra. Din il-kawza ma tistax tigi deciza fuq kredibilita' ta' verzjoni fuq ohra. Hi x'inhi l-verita', din il-Qorti ma tistax tasal ghaliha bil-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk il-Qorti sejra tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi, meta kienet rinfaccjata minn fatti kif esposti mill-imputat fl-istqarrija tieghu liema fatti baqghu ma gewx investigati sabiex jigu kkorroborati jew kontradetti.

Fl-ahhar lok, il-Qorti tixtieq tfahhar lill-partijiet ghas-sottomossjonijiet miktuba minnhom, ghad-dettall ghaqli u

siewi u ghall-ghinuna biex il-provi gew analizzati u sintetizzati minnhom. In-noti tal-Prosekuzzjoni, tal-parti leza, u tad-difiza, kienu kollha esemplari, u kienu ta' ghinuna kbira biex il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni hekk indikata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 214, 215, 216(b), (d), 339(1)(l) u 338(dd) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tal- ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tilliberah minnha.
Issibu hati tat- tieni (2) u t- tielet (3) akkuza u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------